**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 29 ta' Marzu, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Philip Said**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Phillip Said detentur tal-karta tal-identita bin-numru 781052(M) u akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, f' Novembru 2012 u fix-xhur u snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda,

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329,37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu,

ghad-dannu ta' Doris Falzon (ID: 860453M u/jew Joanne Baldacchino (ID 428577M), Philip u Nadya Cauchi (ID 351870M u ID 512773M), George Meli (ID 273649M), Carmela Mifsud (ID 269750M), Connie Abdilla (ID 392157M), Martin Meli (ID 628160M) Jesmond Meli (ID 85765M), Ramon Micallef (ID 190488M), Emanuel Callus (ID 61863M), Albert Mamo (ID 125060M) u Mark Borg (ID 637881M).

2. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerd iehor, ingann, jew billi wiret haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' Doris Falzon (ID: 860453M u/jew Joanne Baldacchino (ID 428577M), Philip u Nadya Cauchi (ID 351870M u ID 512773M), George Meli (ID 273649M), Carmela Mifsud (ID 269750M), Connie Abdilla (ID 392157M), Martin Meli (ID 628160M) Jesmond Meli (ID 85765M), Ramon Micallef (ID 190488M), Emanuel Callus (ID 61863M), Albert Mamo (ID 125060M) u Mark Borg (ID 637881M).
3. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel dmirijietu, b' taghkis jew bi hsara ta' Doris Falzon (ID: 860453M u/jew Joanne Baldacchino (ID 428577M), Philip u Nadya Cauchi (ID 351870M u ID 512773M), George Meli (ID 273649M), Carmela Mifsud (ID 269750M), Connie Abdilla (ID 392157M), Martin Meli (ID 628160M) Jesmond Meli (ID 85765M), Ramon Micallef (ID 190488M), Emanuel Callus (ID 61863M), Albert Mamo (ID 125060M) u Mark Borg (ID 637881M).
4. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat iehor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi;
5. Bhala Nutar naqas li jhallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taht id-disposizzjonijiet tal-Att 364 fuq xi att ricevut minnhu;

Naqas li jikkonforma ruhhu ma' kull taxxa imposta fuqu b' regolament li sar taht l-Att 364

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-esperti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Lulju, 2017 (esebita a fol. 343 tal-atti processwali fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17, 18, 23, 30, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 293, 294,310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 138, 140, 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 50(a),(c) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 532A, 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 t' Ottubru, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta'dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw principalment sensiela ta' rapporti dwar allegata misapproprjazzjoni ta' fondi ricevuti mill-imputat sabiex jithallsu lill-

Kummisarju tat-Taxxi Nterni bhala boll fuq trasferimenti jew Capital Gains Tax u dan fil-kwalita' tieghu ta' Nutar Pubbliku fuq atti li huwa kien ippubblika f'din il-kapacita. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv f'dan il-kaz, l-Ispettur Jonathan Ferris, jirrizulta li l-Pulizija harget dawn l-imputazzjonijiet wara li rceviet sensiela ta' rapporti separat minghand individwi li kienu ghaddew il-flus lill-imputat fuq konvenji jew kuntratti li kien ippubblika u dan sabiex jithallsu bhala boll jew Capital Gains Tax u li wara skoprew li dawn il-fondi ma kienux gew debitament mghoddija minnu lil Kummissarju tat-Taxxi Nterni u sussegwentement li l-att relattiv ma kienx gie debitament registrat u insinwat. F'hafna mill-kazi l-individwi koncernati kellhom jergghu ihallsu t-taxxa dovuta mill-gdid sabiex ikun jista' jigi registrat u insinwat l-att relattiv u sabiex jigu salvagwardjati l-interessi taghhom.

Illi l-Ispettur Jonathan Ferris meta xehed fl-udjenza tal-24 ta' April 2015 (a fol 15 sa 22 tal-atti processwali) spjega li fl-2013 u 2014 l-Pulizija Ezekuttiva rceviet sensiela ta' rapporti fil-konfronti tal-imputat fejn l-allegati vittmi lmentaw li hallsu lill-imputat it-taxxa dovuta ghall-atti pubblici li saru minnu izda l-atti relattivi qatt ma gew insinwati u t-taxxa dovuta ma thallsitx lid-Dipartimenti koncernati. Il-kwerelanti kienu:

i. Doris Falzon li rrappurtat li bintha Joanne Baldacchino ghaddiet cheque ta' €4,430 lill-imputat sabiex jinsinwa kuntratt ta' bejgh minnu pubblikat. Joanne Baldacchino ma rcevietx ircevuta mid-Dipartiment u Doris Falzon ivverifikat mad-Dipartiment li kkonferma lit-trasferiment ma giex insinwat. Doris Falzon lahqet arrangament mal-imputat fejn hija hallset is-somma ta' €4,430 lill-imputat sabiex jinsinwa l-att u l-imputat obbliga ruhu li jhallasha lura s-somma ta' €4,430 permezz ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu;

ii. Permezz ta' kwerela minghand l-Avukat Daniel Buttigieg ghan-nom ta' Emanuel Callus l-Ispettur Ferris gie mitlub jipprocedi fil-konfront tal-imputat. Emanuel Callus inkariga lill-imputat ihejji l-att ta' akkwist ta' arja fuq 'Alessia Court', Triq il-Monsinjur Mikien Azzopardi, Siggiewi u kien ghadda lill-imputat €1,960 rapprezentanti taxxa dovuta fuq l-att t'akkwist. Minn verifici li saru rrizulta li l-att ma giex insinwat u tt-axxama gietx imhallsa u ghalhekk sar rapport mal-Kunsill Notarili;

iii. Permezz ta' kwerela minghand l-Avukat Veronique Dalli ghan-nom ta' Ramon Micallef l-Pulizija Ezekuttiva giet mitluba tipprocedi fil-konfront tal-imputat fejn dan tal-ahhar kien kien gie inkarigat ihejji kuntratt ta' donazzjoni u ghal dan l-att thallas €3,150 bhala taxxa. Minn verifici li saru dan l-att ukoll irrizulta li qatt ma gie insinwat ut-taxxa relattiva ma gietx imhallsa.

iv. George Meli ressaq ilment mal-Pulizija ghan-nom tieghu u ta' hutu lid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' missierhom li ghamlu ghand l-imputat qatt ma giet insinwata minkejja li ghaddewlu €2,825 bhala taxxa;

v. Permezz ta' kwerela maghmula mill-Avukat Patrick Valentino ghan-nom ta' Philip u Nadia Cauchi giet allegata misapproprazzjoni da parti tal-imputat. Il-konjugi Cauchi nkarigaw lill-imputat ihejji l-att ta' akkwist ta' garage f'San Pawl il-Bahar. Minn verifici rrizulta li l-att ma giex insinwat minkejja li thallus €1,404 bhala taxxa dovuta fuq l-istess att;

Illi l-Ufficjal Prosekutur spjega li kien hemm kaz iehor li ma nvestigax huwa fejn il-parte civile Albert Mamo kien qabbad lill-imputat ihejji kuntratt ta' akkwist, l-imputat inghata cheque in rapprezentanza tat-taxxa li kellha tigi mhallsa izda c-cheque gie uzat mill-imputat sabiex ihallas taxxa dovuta lid-Dipatiment tat-Taxxi Interni fuq att iehor ta' terzi u li ma kellu x'jaqsam xejn mal-kuntratt ta' Albert Mamo.

Illi fit-12 ta' Settembru 2014 l-Ispettur Ferris kellem lill-imputat li rrilaxxja stqarrija (Dok. JF. 7 a fol 23 sa 25 tal-atti processwali). Fl-istqarrija tieghu iddikjara li Doris Falzon, Philip u Nadya Cauchi, George Meli, Carmela Mifsud, Connie Abdilla, Martin Meli, Jesmond Meli, Ramon Micallef u Emanuel Callus kienu klijenti tieghu. Huwa kien tqabbad minnhom separatament sabiex ihejji diversi atti notarili. Tas-servizzi prestati thallas u kien ircieva wkoll flus rapprezentanti taxxa in konnessjoni mal-atti sabiex jghaddihihom lil Gvern.Huwa qal li c-cekkijiet li thallas bihom iddepozitahom fl-operating accounts tieghu mal-HSBC Bank Malta plc u l-Bank of Valletta plc izda dawn il-flus ma ghaddihomx lill-Gvern ghaliex kien qed jahdem bihom. Huwa spjega li Nutar Pubbliku huwa obbligat jirregistra l-atti notarili fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata tax-xoghol izda qal li huwa ma ghamilx dan bi zvista u ma kienitx l-intenzjoni tiegh. Inoltre huwa sostna li peress li l-bank kien waqqaf l-overdraft facility tieghu  huwa gie daru mal-hajt izda qal li kien qieghed fil-process li jbiegh proprjeta immobbli li kellu u sa madwar tlett xhur mid-data tal-istqarrija kellu jirranga s-sitwazzjoni.L-imputat qal li huwa ddispjacih ta' dak li nqala u qatt ma kellu ntenzjoni jwegga lil xi hadd.

Illi fl-udjenza tal-24 ta' April 2015 xehed Albert Mamo fejn dan iddikjara (a fol 27 sa 30 tal-atti processwali) li l-imputat ghamel il-causa mortis ta' ommu. Ix-xhud indika li kien ghadda lill-imputat l-ammont ta' taxxa dovuta fuq l-att izda din ma thallsitx lil Gvern u ghalhekk ix-xhud kellu jerga jhallasha sabiex l-att relattiv jigi insinwat. L-imputat sussegwentement accetta li jiffirma skrittura fejn ikostitwixxa ruhu debitur ta' Albert Mamo ghall-ammont li ghaddielu bhala taxxa dovuta fuq l-att ta' causa mortis. Albert Mamo spjega li wara l-mewt ta' huh huwa rega' mar ghand l-imputat sabiex jaghmel il-*causa mortis* ta' huh u ta' lill-imputat bank draft fl-ammont ta' €4,195 (Dok. AM 4 a fol 34 tal-atti processwali) indirizzat lil Commissioner of Inland Revenue. Sussegwentement Albert Mamo tkellem mal-imputat u dan kien qallu li kien jonqsu jikkonkludi l-causa mortis

qabel jinsinwaha. Dan qajjem suspett f' Albert Mamo ghaliex huwa kien diga ffirma l-causa mortis u meta mar jivverifika mad-Dipartiment tal-Gvern koncernat l-iskrivan ikkonfermalu li c-cekk gie msarraf izda mhux bhala pagament ta' taxxa fuq l-att ta' causa mortis ta' huh. Albert Mamo spjega li huwa prova kemm-il darba jkellem lill-imputat u meta rnexxielu jikkomunika mieghu l-imputat irrispondih li kienet problema professjonali. Ix-xhud esebixxa ittra mibghuta mill-avukat tieghu lill-imputat, ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12, estratt minn *savings account*, bank draft, kopja tal-bank draft li juri li gie msarraf mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ricevuta tad-Dipartimenti tat-Taxxi fejn jidher li c-cekk gie msarraf fuq certu Paul Attard (Dok. AM 1 sa AM 6 a fol 31 sa 36 rispettivament tal-atti processwali). In kontro ezami fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2018 (a fol 352 sa 359 tal-atti processwali) Mamo kkonferma li huwa kien ghamel ukoll testment ghand l-imputat u kien hallsu tieghu u qal li nduna li l-*causa mortis* t'ommu ma gietx insinwata wara li kien mar ghand nutar imqabbad mill-Qorti in segwitu ghal kawza ta' divizjoni u mir-ricerki ma rrizulta xejn. L-imputat qallu sabiex jerga jhallas ghaliex ma kellux flus u seta' jaghmel biss karta u jhallas lix-xhud meta jkollu flus. Ix-xhud rega hallas it-taxxa u l-att gie nsinwat madwar hames snin qabel il-kontro-ezami. Albert Mamo spjega li wara li ghamel il-causa mortis ta' ommu huwa hallas €2400 taxxa u €343 ghas-servizzi tal-imputat u telaq erba' snin l-Awstralja.

Illi fl-istess udjenza tal-24 ta' April 2015 xehed Ramon Micallef li spjega (a fol 37 sa 41 tal-atti processwali) li huwa qabbad lill-imputat sabiex ihejji kuntratt ta' donazzjoni li sar fit-18 ta' April 2015 (Dok. RM 1 a fol 42 sa 44 tal-atti processwali) u tah €3,150 bhala taxxa. Ix-xhud qabbad in-Nutar Mary Grace Pace li ghamlet il-verifici qabel ma' xehed ix-xhud, ordnat ir-ricerki u rrizulta li l-att ma giex insinwat. In kontro-ezami fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2018 (a fol 379 u 380 tal-atti processwali) Micallef ikkonferma li l-imputat kien ghamel kostituzzjoni ta' debitu favurih sabiex ihallsu lura l-ammont in kwistjoni.

Illi fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2015 xehdet Joanne Baldacchino li spjegat (a fol 53 sa 59 tal-atti processwali) li l-imputat kien ghamel il-kuntratt tad-dar li hija akkwistat fis-Siggiewi. Dakinhar hija ghaddiet lill-imputat cekk ta’ €456.34 rapprezentanti spejjez relatati mal-kuntratt u cekk ta’ €4,430 rapprezentanti taxxa (Dok. JB 1 u JB 2 a fol 60 u 61 tal-atti processwali). Xi xahar u nofs warali gie pubblikat l-att, hija kienet ghadha ma rcevitx l-ircevuta mid-Dipartimenti tat-Taxxi Nterni u ghalhekk marret ghand l-imputat u huwa qalilha li sabiex jigi registrat l-att hija kellha terga’ thallas it-taxxa. Doris Falzon, omm ix-xhud hallset lid-Dipartiment tat-Taxxi s-somma ta’ €4,430 u l-att gie nsinwat. L-imputat acetta li ghamel kostituzzjoni ta’ debitu favur Doris Falzon (Dok. JB 3 a fol 62 tal-atti processwali) fejn obbliga ruhhu li jhallasha €4,430 sa Frar 2014 pero’ l-hlas baqa’ ma sarx. Fl-istess udjenza tad-9 ta’ Lulju 2015 Dolores Falzon iddikjarat (a fol 63 sa 67 tal-atti processwali) li l-imputat ghamel il-kuntratt ta’ akkwist tad-dar ta’ bintha Joanne Baldacchino izda l-att ma giex nsinwat. Ix-xhud kellha tohrog it-taxxa li suppost l-imputat ghaddha lill-Gvern u harget il-flus bil-kundizzjoni li l-imputat kien ser iroddilha lura s-somma li hallset bintha. Hija kienet ghamlet rapport mal-Kunsill Notarili izda peress li kien hemm arrangament bejnha u l-imputat, il-Kunsill ma dahalx fil-kwistjoni. Meta kien ser jaghlaq it-terminu tal-iskrittura DoloresFalzon tghid li hija baghtet email lill-imputat sabiex irodd lura l-flus izda ma rceviet xejn. Ix-xhud spjegat li meta kellmet lill-imputat huwa qatt ma cahad li kien debitur taghha izda kien jghidilha li ghandu l-flus marbutin u ma jistghax ihallasha.

Illi fl-udjenzi tad-9 ta’ Lulju 2015 u tas-26 ta’ Frar 2016 xehed Emanuel Callus li ddikjara (a fol 58 sa 74 u 157 sa 160 tal-atti processwali) li f’Novembru 2007 kien xtara arja ta’ proprjeta’ kif ukoll ghamel kuntratt ta’ appalt fejn l-atti relattivi saru mill-imputat. Bhala servizzi professjonali l-imputat thallas b’cekk fl-ammont ta’ Lm986 inkluz ghar-registrazzjoni u nghata cekk ta’ Lm240 rapprezentanti taxxa dovuta. Meta sar il-kuntratt ix-xhud hallas il-kumplament fl-ammont ta’ €1,960 bhala taxxa bic-cekk inhareg fuq isem l-imputat. Bejn

sentejn u tlett snin wara l-kuntratt, ix-xhud induna li l-att ma kienx giex nsinwat. Id-Dipartiment tat-Taxxi kkonferma li l-konvenju biss kien hemm registrat. L-imputat flimkien mal-venditur marru ghand l-Avukat Edward Gatt li kiteb ittra f’isimhom indirizzata lill-imputat fejn talbu sabiex jinsinwa l-att (Dok. EC 1 a fol 75 tal-atti processwali). Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-kont tal-imputat, kopja tac-cekk ta’ Lm 240, notifika ta’ konvenju u kopja tal-konvenju u skrittura t’appalt datata 14 ta’ Novembru 2007 u kopja tal-kuntratt datat 22 ta’ Mejju 2008 (Dok. EC 2 sa EC 7 a fol 76 sa 84 tal-atti processwali). Fil-15 ta’ Lulju 2013 intbaghtet ittra mill-Avukat Edward Debono ghan-nom ta’ Emanuel Callus lill-imputat u lill-Kunsill Notarili (Dok. EC 8 a fol 85 tal-atti processwali) fejn l-imputat gie nfurmat li kien ser isir ilment mal-Kunsill sabiex l-imputat jottempra ruhhu mal-obbligi tieghu. Il-Kunsill Notarili baghat l-ittra mmarakata Dok. EC 9 (a fol 86 tal-atti processwali) lill-imputat sabiex jirregistra l-att izda dan baqa’ma sehhx u ghalhekk intbaghatet ittra lill-Avukat Rachel Azzopardi impjegata mal-Capital Transfer Duty Division sabiex jigi registrat il-kuntratt (Dok. EC 10 a fol 87 tal-atti processwali). Id-Dipartiment informa lix-xhud li sabiex jigi registrat l-att it-taxxa xorta wahda kellha tithallas. Sussegwentement saret il-kwerela mmarkata Dok. EC 11 (a fol 90 tal-atti processwali). Sa dakinhar tax-xhieda tieghu, it-taxxa kienet ghadha ma thallsitx. Fl-udjenza tas-26 ta’ Frar 2016 ix-xhud esebixxa kopja tac-cekk mahrug lill-imputat fl-ammonta ta’ Lm 240, kopja ta’ statement bankajru mahrug ai fini tal-konvenju, notifika ta’ konvenju, kopja tac-cekk mahrug lill-imputat fl-ammonta ta’ €1,441, kopja ta’ bank statement, kopja ta’ cekk mahrug mill-vendituri, kopja tac-cekk mahrug lill-imputat fl-ammonta ta’ €986.56, ircevuta mahruga mill-imputat, kont mahrug mill-imputat u kopja tal-kuntratt datat 22 ta’ Mejju 2008 (Dok. EC 1 sa EC 10 a fol 161 sa 171 tal-atti processwali). In kontro-ezami fl-udjenza tad-9 ta’ Marzu 2018 (a fol 381 u 382 tal-atti processwali) Callus ikkonferma li mal-kuntratt ghamel kuntratt ta’ appalt u li llum l-arja hija mibnija.

Illi fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2016 Carmela Mifsud iddikjarat (a fol 124 sa 129 tal-atti processwali) li hija marret ghand l-imputat ma' hutha George Meli, Connie Abdilla, Martin Meli u Jesmond Meli ghall-causa mortis ta' missierha John Meli li miet fis-16 ta' Frar 2012. Huma hallsu t-taxxa dovuta in linea mal-causa mortis fl-ammont ta' €2,825 filwaqt li hallsu €606.60 ghall-ispejjez amministrattivi. Ix-xhud spjegat li ghaddha z-zmien u wiehed minn hutha sema' fuq ir-radio li d-Dipartiment tat-Taxxi jibaghat ircevuta ghall-hlas ta' taxxi dovuti u peress li huma ma rcevew l-ebda ricevuta huha mar il-Monte di Pieta' fejn infurmawh li l-causa mortis ma gietx insinwata u t-taxxa relattiva ma thallsitx. Meta saru tentattivi sabiex ikellmu lil-imputat ghal spjegazzjjoni ix-xhud tghid li huta u hi qatt ma rnexxilhom jaqbduh. George Meli xehed fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2016 (a fol 145 sa 150 tal-atti processwali) u kkonferma li fit-18 ta' Gunju 2012 hu u hutu hallsu €2825 taxxa u €606 ghas-servizzi tal-imputat. Sussegwetement jghid li kien sema' fuq ir-radio li tista' ticcekja fuq il-causa mortis. Il-Monte di Pieta ikkonfermawlu li l-causa mortis ma gietx insinwata. Prova jaghmel kuntatt mal-imputat izda ma rnexxilux jikkomunika miieghu. Ix-xhud esebixxa kopja tal-kwerela u l-causa mortis (Dok. GM 1 u GM 2 a fol 151 sa 156 tal-atti processwali). Fl-udjenzi tat-30 ta' Gunju 2016 u tat-28 ta' Ottubru 2016 Martin Meli (a fol 253 sa 257 tal-atti processwali) u Maria Concetta Abdilla (a fol 269 sa 272 tal-atti processwali) ikkonfermaw li huhom George Meli kien jiehu hsieb kollox u hallsu lill-imputat €3425 cash f'Gunju 2012 konsistenti f' €600 fees u l-bqija taxxa. Ix-xhud Martin Meli esebixxa kopja tar-ricerki min fejn jirrizulta li l-ebda att ma gie nsinwat (Dok. MM1 a fol 258 u 259 tal-atti processwali).

Illi fl-istess udjenza tas-26 ta' Frar 2016 xehdet Nadya Cauchi fejn din spjegat (a fol 130 sa 132 tal-atti processwali) li hija ghamlet kuntratt ta' akkwist ta' garaxx u il-kuntratt relattiv gie pubblikat mill-imputat u hallset lill-imputat bhala taxxa €1,404, €377 u €164. Sussegwentement saru r-ricerki u l-att irrizulta li ma kienx insinwat u saret il-kwerela (Dok. NC 1 a fol tal-atti processwali). Ix-

xhud esebiet kopja tal-konvenju, kopja ta' cekk fl-ammont ta' €1,404, kopja tar-ricerki, kopja tal-pagamenti ta' €377 u dak ta' €164 (Dok. NC 2 sa NC 7 a fol 134 sa 140 tal-atti processwali). In kontro-ezami fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2018 (a fol 376 sa 378 tal-atti processwali) Cauchi ddikjarat li l-kuntratt taghha ma kienx miexi ma' dak ta' certu Noel Vassallo izda kien hemm kwistjoni dwar in-numru tal-garage. Fl-istess udjenza tas-26 ta' Frar 2016 Philip Cauchi zied jghid (a fol 141 sa 144 tal-atti processwali) li c-cekkijiet issarfu kollha. Hu mar il-Belt fejn ikkonfermawlu li l-att ma giex insinwat u wara kellem lill-imputat li qallu li ser jirranga kollox. Sa dakinhar tax-xhieda tieghu il-kuntratt kien ghadu ma giex insinwat. In kontro ezami fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2018 (a fol 360 sa 367 tal-att processwali) Cauchi ddikjara li l-kuntratt tieghu ma kienx miexi ma' dak ta' certu Noel Vassallo u li l-konvenju relattivkien ghal sena u wara sena sar il-kuntratt. L-imputat ghamel updates tar-ricerki u x-xhud hallas taghhom. Huwa kkonferma li jista' jkun kien hemm zball fin-numru tal-garage izda l-problema kienet giet sorvolata u waqt il-kuntratt l-imputat ma nfurmahx li kien hemm xi problema li setghat twaqqaf il-kuntratt milli jsir.

Illi fl-udjenzi tal-20 ta' Mejju 2016 u tat-30 ta' Gunju 2016 xehed Mark Borg li iddikjara (a fol 181 sa 185 u 231 sa 236 tal-atti processwali) li huwa nghata garage u dar permezz ta' zewg atti ta' donazzjoni datati 10 ta' Lulju 2008 u 2 ta' Marzu 2009 (Dok. MB 1 u MB 3 a fol 237 u 241 tal-atti processwali). Huwa prezenta ricevuta li d-donatrici Nicolina Borg ghaddiet lill-imputat is-somma ta' €5350.60 rapprezentanti boll, drittijiet u spejjez in konessjoni mad-dar izda dan l-ammont thallas mix-xhud (Dok MB 2 a fol 239 tal-atti processwali). Sussegwentement meta Mark Borg kien qed jitkellem ma habib tieghu sar jaf li l-imputat kien naqas milli jinsinwa l-kuntratt tieghu u ghalhekk ix-xhud ghamel ir-ricerki (Dok. MB 4 a fol 244 sa 247 tal-atti processwali) minfejn irrizulta li l-atti ta' donazzjoni li kienu jikkoncernaw lilu ma kienu gew insinwati. Borg esebixxa ittra mibghuta lill-imputat mill-Kunsill Notarili datata 27 ta' Marzu 2014, kopja tar-rapport li ghamel ghand l-Ispettur Maurice Curmi fl-2014, ittra

mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija, ittra mibghuta lin-Nutar Clinton Bellizzi fl-2015 u ittra ohra mibghuta lill-Ispettur Maurice Curmi (Dok. MB 5 sa MB 9 a fol 248 sa 252 tal-atti processwali) u spjega li meta kellem lill-imputat dan weghdu li kien ser ihallsu lura l-ammont li gewmhallsa minnu bhala boll izda nonostante cio'dan baqa' qatt ma sehh.

Illi fl-udjenzi tal-20 ta' Mejju 2016 u tal-14 ta' Lulju 2016 in-Nutar Clinton Bellizzi ddikjara (a fol 136 sa 191 u 297 sa 302 tal-atti processwali) li huwa kien il-President tal-Kunsill Notarili sal-31 ta' Jannar 2016. Spjega li l-imputat kien Nutar Pubbliku izda rrinunzja ghal warrant. Meta x-xhud kien ghadu fil-kariga ta' President kien hemm diversi lmenti fil-konfront tal-imputat u l-Kunsill Notarili kellu jiehu azzjoni sabiex l-imputat jottempra ruhhu u jinsinwa l-atti u jhallas it-taxxi. Fl-2013 gie avvicinat minn Emanuel Callus, ix-xhud ikkuntatja b'mod ufficjali lill-imputat li nghata ghoxrin jum biex jaghti kopja tan-noti tal-insinwa u t-taxxa. Kien hemm ukoll causa mortis li ma kienetx insinwata. Iddikjara li fil-pussess tieghu m'ghandhux inkartamenti originali jew kopji tal-ittri li ntbaghtu ghaliex dan ikun fil-pussess tal-President tal-Kunsill Notarili *pro tempore* izda prezenta l-ittri kollha, ilmenti u r-rikorsi ntavolati kontra l-imputat mis-sena 2012 sa Lulju 2015 inkluz dawk mhux relatati mal-kaz odjern li kellu fil-hard drive (Dok. CB 1 a fol 303 sa 335 tal-atti processwali). Ix-xhud ikkonferma li l-ittra ndirizzata lill-imputat (Dok. GA 1 a fol 336 tal-atti processwali) hija vera kopja.

Illi fl-istess udjenza tal-20 ta' Mejju 2016 Alex Frendo enforcement manager mal-Capital Transfer Duty Department iddikjara (a fol 192 sa 195 tal-atti processwali) li mir-ricerka li ghamel irrizulta avviz ta' trasferiment inter vivos fl-isem ta' Joanne Baldacchino insinwata fid-19 ta' Lulju 2013 maghmul mill-imputat, konvenju insinwat f'isem Emanuel Callus maghmul mill-imputat izda li l-kuntratt baqa' ma sarx, avviz ta' trasferiment inter vivos favur Ramon Micallef maghmul mill-imputat datat 9 ta' April 2015 u avviz ta' trasferiment inter vivos konsistenti f'fidi ta' cens favur Mark Borg datat 16 ta' Ottubru 2012 registrat

minn Nutar Jessica Said (Dok. AF 1 sa AF 4 a fol 196 sa 217 tal-atti processwali). Dan ix-xhud indika wkoll li mir-ricerka li saret dwar l-ahwa Meli il-causa mortis taghhom baqghet ma gietx insinwata.

Illi fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2016 in-Nutar Joe Abela ddikjara (a fol 221 sa 225 tal-atti processwali) li huwa kien il-President tal-Kamra Notarili sa mill-ahhar ta' Jannar 2016. Il-Kunsill Notarili ha azzjoni definittiva kontra l-imputat f'April 2016 quddiem il-Qorti ta' Revizjoni Notarili wara li l-imputat kienu ilu aktar minn sitt xhur inkapacitat milli jezercita bhala Nutar wara li l-Kunsill Notarili rcieva lmenti dwar kuntratti mhux insinwati. L-imputat irrinunzja ghall-warrant fil-5 ta' Mejju 2016 u inhareg avviz fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Gunju 2016 (Dok. JA 1 a fol 226 tal-atti processwali). Dan ix-xhud qal ukoll li f'April 2016 il-Kunsill ma baghatx aktar ittri lill-imputat ghaliex l-ilmenti kienu regolari u ttiehdu passi gudizzjarji fil-konfronti tieghu.

Illi fl-istess udjenza tat-30 ta' Gunju 2016 xehed in-Nutar Roland Wedge (a fol 227 sa 230 tal-atti processwali) li ddikjara li huwa kien President tal-Kunsill Notarili madwar is-sena 2008. Waqt il-kariga tieghu kienu avvicinawh xi persuni b'ilmenti li ma gewx insinwati l-atti taghhom. Il-procedura kienet li tintbaghat ittra lin-Nutar fejn jintalab jikkonforma ruhu. Dwar il-kaz ta' Doris Falzon u bintha Joanne Baldacchino dawn kienu marru ghand ix-xhud u ssugerixxa li l-flus jergghu jinhargu sabiex il-kuntratt jigi nsinwat. Il-kuntratt gie insinwat mix-xhud stess wara li kienet ingabet il-firma tal-imputat u l-flus tat-taxxa.

Illi l-imputat ghazel li jixhed waqt l-udjenza tal-15 ta' Gunju 2018 fejn iddikjara (a fol 386 sa 422 tal-atti processwali) li huwa rrinunzja ghal warrant ta' Nutar Pubbliku ghaliex ma kellux triq ohra u kien qieghed jehel penali ta' €50 kuljum. Huwa sostna li fejn kien jirrigwarda taxxi dovuti fuq l-atti li kien jippublika dejjem kien jitlob il-bills payable pero aktar min nofs il-klijenti ma kienux igibuhom

sabiex jifrnakaw il-commission tal-Bank u ghalhekk huwa kellu clients deposit account mal-HSBC sabiex jiddepozita fih il-flus li kienu jghaddulu il-klikejnti bl-inkarigu li mbaghad ihallashom lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni meta jinsinwa l-atti relattivi. L-imputat sostna li f'xi zmien huwa nduna li dan il-kont kien qieghed jintuza sabiex jikkumpensa ghan-nuqqasijiet fl-overdraft facility li kellu mal-istess bank u dan minghajr ma gie nfurmat. L-imputat jghid li huwa ghalhekk waqqaf dan il-kont u beda jahdem b'kont wiehed – l-operating account. Fl-operating account huwa kien ipoggi flus u cekkijiet tal-klijenti li kien jahdem bihom biex jinsinwa u ghar-registrazzjonijiet filwaqt lid-drittijiet tieghu kien jghaddihom lil martu. L-imputat jghid ukoll li f'certu stadju imbaghad kellu l-kontijiet ifrizati minhabba zewg mandati ta' sekwestru (Dok. PS u PS 2 a fol 422A sa 435 tal-atti processwali). Wiehed mill-mandati sar f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u nhareg ghaliex l-imputat waqa' lura fil-pagamenti tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dejjem skond l-imputat meta nhareg il-mandat huwa tilef l-Overdraft Facility. Sussegwentement ma thalliex jippubblika u kellu jirrinunzja ghal warrant. Huwa spjega li t-tieni mandat inhareg mill-Vodafone Malta plc. Dwar Doris Falzon l-imputat qal li minhabba s-sitwazzjoni li kien fiha ghamel il-kuntratt izda dan insinwah in-Nutar Roland Wedge. Dwar Philip u Nadya Cauchi qal li il-kuntratt taghhom kien konness ma' kaz ta' Noel Vassallo u kien hemm kwistjoni ta' ricerki. Irrizulta li kien hemm ipoteka li ma kellha x'taqsam xejn mal-klijenti u mal-proprjeta u dam kwazi tlett snin sakemm il-problema giet solvuta. Wara dak id-dewmien, il-klijenti talbuh jaghmel ir-ricerki fast track izda ma hallsux l-ispejjez addizzjonali u l-bills payable ghadhom fil-file. IL-imputat qal ukoll li in konnessjoni ma' dan il-kuntratt kien hemm kwistjoni dwar is-sular u n-numru tal-garage ma kienux jaqblu. Dejjem skond l-imptutat in kwantu jirrigwarda Ramon Micallef kien hemm kwistjoni ta' pjanta u l-kuntratt kienet insinwatu n-Nutar Mary Grech Pace. Dwar Albert Mamo l-imputat jghid li huwa gie nkarigat jaghmel il-causa mortis ta' ommu u wara li ppublika l-att Albert Mamo telaq lejn l-Awstralja u ma hallsux. utat. Huwaa jsostni li wara li miet hu Albert Mamo ghamel il-causa mortis tieghu u ma zamm xejn bhala fees professjonali kif l-anqas ma zamm xejn ghal

testament u zbank li ghamel fuq inkarigu ta' Albert Mamo. L-imputat jghid li huwa ma zamm xejn bhala fees professjonali sabiex jikkumpensa lil Albert Mamo tal-flus li kellu jaghtih lura. Dwar Emanuel Callus l-imputat isostni li kien hemm kwistjoni ta' bilanc ta' prezz u tnizzel bhala skrittura ta' appalt u dwar il-familja Meli li kien hemm kwistjoni ta' cens u self ta' Jesmond Meli. Dejjem skond l-imputat fil-kaz ta' mark Borg war Mark Borg kien hemm problemi dwar pjanti. L-imputat sotna li meta sab ruhu rinfaccjat b'dawn is-sitwazjonijiet huwa acetta li jaghmel kostituzzjoni ta' debitu ma' Doris Falzon, Ramon Micallef, Albert Mamo u certu Joseph Aquilina. In kontro-ezami l-imputat ikkonferma li kazijiet minnhom sehhew erba' snin qabel irrinunzja ghal warrant. Huwa ma eskludiex li kien hemm cirkostanzi fejn hallas il-kontijiet personali tieghu mill-operating account. Sussegwentment spjega lid-drittijiet tieghu kienu jibqghu fl-operating account u dak li huwa proprja dritt jghaddih lil martu. L-imputat qal ukoll li kien gie rinfaccjat bi scam fejn tilef xi flus u sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji minhabba l-mandati ta' sekwestru li nhargu fil-konfronti tieghu. L-imputat xehed li l-overdraft facility kien juzah kemm ghall-ghanijiet ta' xoghol kif ukoll ghal dawk personali. Huwa jghid li hid li l-iskritturi privati ta' kostituzzjoni ta'debitu ghamilhom fuq suggeriment tal-avukat tieghu u saru wara li nqala' l-kaz odjern. Spjega li sa dakinhar tal-kontro-ezami huwa kien ghadu ma hallas xejn lill-ebda wiehed mill-kwerelanti f'dan il-kaz. Dwar il-familja Meli l-imputat iddikjara li t-taxxa li inghatat lilu ma uzahiex biex ihallas it-taxxa dovuta fuq l-att u kkonferma li ma saret l-ebda kostituzzjoni ta' debitu fil-konfront taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali huma ta' frodi b'eghmil qarrieqi, u kazijiet ohra ta' qligh b'qerq kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Huwa wkoll akkuzat li ghamel approprazzjoni bla jedd bic-cirkostanzi

aggravanti taht l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kif ukoll talli kiser dolozament id-dmirijiet ufficjali tieghu u talli bhala Nutar naqas li jhallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taht id-disposizzjonijiet tal-Kap 36 tal-Ligijiet ta' Malta4 fuq xi att ricevut minnhu u naqas li jikkonforma ruhhu ma' kull taxxa imposta fuqu.

**L-Approprijazzjoni Indebita.**

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi addebitat bir-reat ta' approprazzjoni indebita. kkontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, fejn il-Qorti elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dan ir-reat u cioe':

> "Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> “La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio” (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, il-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

> “Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il-ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers.”

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v Dr. Siegfried Borg Cole deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan ir-reat:

> (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106): "Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo (il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta,

perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Marbeck Cremona deciza fil-15 ta' Frar 2007 gie deciz:

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe` japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor

Illi meta wiehed japplika dawn il-principji legali ghal fattispeci tal-kaz odjern wiehed ma jistghax ma jikkonkludix li f'kull wiehed mir-rapport lli saret referenza ghalihom fil-paragrafi precedenti jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' misapproprijazzjoni li bih qed jigi akkuzat l-imputat. F'kull kaz il-Prosekuzzjoni fil-fatt irnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-kwerelanti kollha rispettivament fdaw xi haga f'idejn l-imputat sabiex isir minnha uzu specifikat, u cioe' li jhallas it-taxxa dovuta fuq il-kuntratt rispettiv lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, izda f'kull kaz l-imputat jew iddepozita il-flus relattivi fil-kont personali tieghu jew altrimenti utilizzahom sabiex ihallas taxxa dovuta fuq kuntratti ohra minnu pubblikati. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' kull kwerelant li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u li ghalhekk huwa ghamel uzu differenti minn dak li kien gie specfikatament inkarigat jaghmel minn min ikkonsenjalu l-flus. Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni resqet il-provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali u dak ta' ksur doluz tad-dmirijiet ufficjali kontemplat fl-Artikolu 138 tal-Kodici Kriminali f'kull wiehed mill-kazijiet li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatti tal-kaz odjern jinkwadraw ruhhom pjenament fir-reat in dizamina stante li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputat inghata flus li kien dovut jigbor bhala Nutar Pubbliku minghand il-klijenti tieghu relatati ma' att li hejja. Dawn il-flus inghataw lilu mill-kwerelanti bl-intiza cara u inekwivoka li huwa kellu jghaddihom lill-Erarju meta jinsinwa l-atti relattivi, xi haga li wkoll irrizulta mill-provi li huwa naqas milli jaghmel izda minflok huwa ddepozita dawn il-flus fl-operating account jew clients account tieghu u ghamel uzu iehor minnhom. L-imputat iggustifika dan in-nuqqas billi kkontenda li huwa kien maqbud b'zewg mandati ta' sekwestru u

b'hekk ma kienx possibbli li jhallas it-taxxa dovuta u mghoddija lilu mill-klijenti tieghi lill-Erarju. Jirrizulta mill-atti li l-mandati gew intavolati fl-2013 u fl-2014 filwaqt li mill-atti ppublikati mill-imputat u esebiti mill-kwerelanti kif ukoll minn dokumenti ancillari esebti bhalma huma d-diversi kopji tac-cekkijiet, tal-kontijiet mahruga mill-imputat kif ukoll id-dati murija fl-iskritturi ta' kostituzzjoni ta' debitu jirrizulta li kwazi t-taxxi kollha li l-kwerelanti ghaddew lill-imputat inghaddew qabel gew intavolati l-mandati ta' sekwestru fl-2013 u fl-2014. Jirrizulta li t-taxxi mghoddija minn Mark Borg ingabru fl-2008 u fl-2009, it-taxxa mghoddija minn Emanuel Callus ingabret fl-2008 u t-taxxa mghoddija minn Joanne Baldacchino, l-ahwa Meli u Nadya u Philip Cauchi ingabret fl-2012. Huma biss l-atti ta' Ramon Micallef u ta' Albert Mamo li saru wara li gew intavolati l-mandati u li ghalhekk it-taxxa giet migbura meta l-mandati kienu in vigore. Inoltre l-imputat stess fil-kontro ezami jammetti li l-overdraft u l-operating account, li kienu ntizi biex ihallas it-taxxa li jghaddulu l-klijenti lill-Erarju kif ukoll sabiex jinsinwa l-atti, gieli wzahom ghal affarijiet personali. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' approprijazzjoni indebita bl-aggravanti stante li l-flus inghataw lill-imputat minhabba l-professjoni tieghu u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni – Truffa jew Frodi Innominata</u>**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa jew frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Dwar l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jtiqies li jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> "Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che

importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario.

Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.

La fattispecie oggettiva della truffa consta dei seguenti elementi: 1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri; 2) la causazione di errore, il quale deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale; 3) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona."

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza il-Pulizija vs Emanuele Ellul (deciza fl-20 ta' Gunju 1997) intqal hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

"Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-*mise en scene* cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa.

L-Antolisei jghid hekk:

"l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore, e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui."

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominata. Illi fis-sentenza il-Pulizija vs Carmela German deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2004 intqal hekk:

> "Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah *mise en scene*, ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata."

In tema legali gie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby li:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat kien qieghed jigbor it-taxxa konnessa mal-atti ppubblikati minnu bhala Nutar Pubbliku sabiex dawn jinghaddew lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u minflok kien qed jaghmel uzu differenti minnhom billi jew jiddepozithom fil-kont personali tieghu jew altrimenti juzahom ghall-hlas ta' boll jew Capital Gains Tax dovuta fuq kuntratti ohra li kien ippubblika u qed jinsinwa. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ghamel uzu ta' truffa jew qliegh b'qerq ghaliex il-flus li gabar ingabru minnhu bhala ufficjali pubbliku li izda minflok ghaddihom lill-Erarju zammhom ghalih. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' approprijazzjoni indebita li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tal-ewwel imputazzjoni u mhux fir-reati ta' truffa u frodi nnominata li bihom jinsab akkuzat permezz tat-tieni imputazzjoni. Il-Qorti jidrilha li din l-imputazzjoni fil-fatt inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat ser jinstab hati kif inghad aktar il-fuq u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

**<u>It-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Imputazzjoni</u>**

Illi t-tielet, ir-raba' imputazzjoni u l-hames imputazzjoni jisthgu jitqiesu li hum li jirizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u jistghu ukoll jitqiesu li huma komprizi u nvoluti fl-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' approprazzjoni ndebita. In-Nutar Joseph Abela, President tal-Kunsill tan-Nutara, xehed li b'avviz li deher fil-Gazetta tal-Gvern fis-6 ta' Gunju 2016 gie avvzat li n-Nutar Philip Said irrinunzja mill-kariga ta' Nutar b'effett mill-5 ta' Mejju 2016. L-imputat ha l-warrant li jippratika bhala nutar fis-sena 1983. Illi l-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.

Fid-dawl ta' dak li gja` gie determinat, fejn il-Qorti sabet li l-imputazzjoni ta' approprijazzjoni indebita tirrizulta pruvata sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, maghdud mal-fatt li gie ukoll pruvat li fiz-zmien li sehhew ir-reati lin dizamina l-imputat kien qed jezercita l-professjoni ta' nutar, m'hemmx dubju li r-reati ravvizati fl-Artikoli 138 u 141 tal-Kodici Kriminali kif ukoll dawk ravvizati fl-Artikoli 50(a) u (c) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta jirizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa izda kkunsidrat ukoll il-fatt li hawn si tratta ta' ufficjal pubbliku – Nutar Pubbliku - li fuq medda ta' zmien u ripetutament approprja ruhhu illegalment minn flus haddiehor, b'mod li mhux biss abbuza gravement mill-fiducja tal-klijenti tieghu, izda aghar minn hekk f'hafna mill-kazijiet ippregudika serjament l-interessi patrimonjali taghhom. Din il-Qorti izda jidrilha li l-ahjar mod sabiex jigu salvagwardjati l-interessi tal-vittmi f'dan il-kaz huwa li tigi imposta piena karcerarja sopiza b'ordni ta' restituzzjoni jew kumpens that l-Artikolu 28H(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Lulju, 2017 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 23, 30, 31, 293, 294,310(1)(a), 138, 140,141 u 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 50(a) u (c) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi

ghall-perijdu ta' erba' (4) snin millum. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Albert Mamo is-somma ta' €2,875, lil Ramon Micallef is-somma ta' €3,150, lil Doris Falzon is-somma ta' €4,430, lil Emanuel Callus is-somma ta' €1,960, lil Nadya u Philip Cauchi bejniethom is-somma ta' €1,404, lil Mark Borg is-somma ta' €4746.50 u lil George Meli, Carmela Mifsud, Connie Abdilla, Martin Meli, Jesmond Meli bejniethom is-somma ta' €2,825.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur